**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8259 — Groupe H.I.G./Guillaume Dauphin/Ecore)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 463/13)

1. Fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Guillaume Dauphin u H.I.G. Capital LLC ("Groupe H.I.G.", tal-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista, permezz ta' bejgħ u xiri ta' ishma, il-kontroll konġunt fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ta' Ecore B.V. ("Ecore", il-Pajjiżi l-Baxxi), li bħalissa hija kkontrollata unikament minn Guillaume Dauphin.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Guillaume Dauphin tipproduċi u tbigħ materja prima riċiklata permezz ta' Ecore,

— Groupe H.I.G. hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata b'parteċipazzjonijiet f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju,

— Ecore tipproduċi u tbigħ materja prima riċiklata. B'mod iktar speċifiku Ecore hija attiva fil-ġbir tal-iskart, it-trattament tal-iskart u l-bejgħ ta' materjali riċiklati, l-aktar metalli tal-ħadid. Ecore tipproduċi u tbigħ ukoll materjali oħra riċiklati, bħal metalli mhux tal-ħadid, karta, kartun u plastik.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permez tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permez tal-posta, bir- referenza M.8259 — Groupe H.I.G./Guillaume Dauphin/Ecore, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.